**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA, 19 TA' OTTUBRU, 2001**

**Numru: 9**

**Avviz Nru: 702/01 AE**

**Joseph Celeste ghan-nom u fl-interess tad-ditta Celeste Video Rentals**

**Vs**

**Clint Bartolo.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltija (Lm88) bilanc

ta' somma akbar rapprezentanti bejgh ta' Playstation u Television lill-konvenut.

Semgha lill-avukat Dr. Henry Antoncich bil-gurament li kkonferma l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2001 u tal-lum, kif ukoll ma kkontestax it-talba ta' l-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltija (Lm88) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti bejgh ta' Playstation u Television.   Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (skond dak li jipprovdi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**